MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1274/2004/1

John Zammit
vs
Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fit-22 ta' April 2004 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi b'decizjoni tat-22 ta' Jannar 2004 fil-proceduri fl-ismijiet John Zammit vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta (Rikors numru 967/97), dan it-Tribunal laqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u cahad it-talba tar-rikorrent li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjonijiet b'effett minn meta kien intitolat li jiehu dawn il-promozzjonijiet u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma setax jinghata li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi din id-decizjoni tikkontjeni disposizzjonijiet kontradittorji ai termini tal-artikolu 811 (l) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi fl-istess decizjoni, filwaqt li hemm indikat li s-sistema adoperata mill-Bank Centrali ta' Malta hija wahda difettuza u filwaqt li t-Tribunal jesprimi l-preokkupazzjonijiet tieghu dwar kif saru l-ezercizzji ta' promozzjonijiet, it-Tribunal fl-istess waqt iddecieda illi l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat u laqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta in kontradizzjoni ghal dak li gie stabbilit fl-istess decizjoni.

Illi inoltre s-sentenza inghata b'effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811 (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi t-Tribunal jghid illi kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li dawk li gew qablu u senjatament dawk li fil-promozzjonijiet tal-1992 gew l-ewwel hdax gew fil-fatt allokati marki zejda, jew hu marki nieqsa, b'mod li kieku tali allokazzjoni kienet tajba r-rizultat kien jinqaleb.  Jirrizulta mid-dokumenti tal-kawza illi r-rikorrent indika b'mod l-aktar car dawk il-persuni li nghataw il-promozzjoni u li ngustament qabzuh fil-promotion exercise in kwantu dawn kellhom anqas kwalifiki u anqas seniority mir-rikorrent.  Ezempju partikolari huwa dak li sehh fl-ezercizzju tas-sena 1993 fejn Joseph Cassar Mallia inghata l-promozzjoni u gab 3 marki aktar mir-rikorrent u dan meta l-istess Joseph Cassar Mallia kellu anqas seniority mir-rikorrent. Ghaldaqstant jidher car li s-sentenza hija effett ta' zball u dan ghaliex it-Tribunal bi zvista ma hax in konsiderazzjoni l-provi kollha mressqa mir-rikorrent meta indika min kienu dawk li kien haqqhom jigu oghtija marki anqas izda li fil-fatt inghataw il-promozzjoni.

Fis-sentenza moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jidher car illi l-istess Tribunal jaghmel referenza biss ghall-promotion exercise tas-sena 1992.  L-ilment tar-rikorrent ma kienx jirrigwarda biss dan l-ezercizzju partikolari, izda wkoll l-ezercizzji ta' promozzjonijiet li saru fis-snin 1993 u 1995.

Illi in vista tas-suespost hemm lok li l-imsemmija proceduri jigu ritrattati.

Ghaldaqstant l-esponent talab li dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tieghu tat-22 ta’ Jannar 2004 fl-ismijiet premessi u jordna r-ritrattazzjoni tal-istess proceduri ghar-ragunijiet indikati.

**ECCEZZJONIET:**

Ra r-risposta ta’ l-intimat Gvernatur tal-Bank Centrali fejn wiegeb illi:

Illi r-rikors ta’ John Zammit huwa iiritu u null ghal ragunijiet fost ohrajn ta’ dawk segwenti:

1. Illi r-rikors ma jindikax in-natura tieghu cioe jekk huwiex rikora ta’ apell jew ritrattazzjoni

2. Illi dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni biex jiehu konjuzzjoni ta’ talbiet ta’ appell jew ritrattazzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju tal-premess, talbiet ghal ritrattazzjoni jispettaw lill-Qorti tal-Appell f’kawza deciz minnha u dan ghar-ragunijiet specifikati fl-Artikolu 811 tal-Kap 12.

4. Illi fil-kaz ta’ decizjoni moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad talba ghal ritrattazzjoni ta’ kawza tista’ tinghata biss fil-kaz specifikat fl-Artikolu 812 tal-Kap 12, li ma japplikaz ghal kaz in ezami.

5. Illi minghajr pregudizzju tal-premess ir-ragunijiet moghtija in sostenn tat-talbiet avvanzati mir-rikorrent li jirrigwardaw il-meritu huma manifestament infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu 2005 fejn it-Tribunal halla r-rikors ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari mqajma mill-Gvernatur intimat dwar l-amminissibilta o meno tar-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti u fd-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi wara li t-Tribunal ha konjuzzjoni tan-noti pprezentati mill-partijiet li t-tnejn fihom l-aspett legali validi taghhom jidhirlu li l-argument principali illi jxaqleb favur ir-rikorrent huwa l-fatt li precedentament dan it-Tribunal accetta illi jirrittratta kawzi decizi minnu. Ir-rikorrent ghamel referenza ghal kawza deciza minn dan it-Tribunal fil-31 ta' Lulju 2002, "Dr Emanuel George Cefai vs Onorevoli Prim Ministru et" fejn din il-kwistjoni giet deciza minn dan it-Tribunal diversament preseduta. It-Tribunal jidhirlu li l-fatt biss illi fil-passat gew accettati proceduri simili, m'ghandux issa fl-ahhar stadji meta kwazi gew decizi r-rikorsi kollha, jichad talba tar-rikorrent biex it-Tribunal stess jaghmel diskriminazzjoni u ingustizzja kontra tieghu. La gew accettati precedentament allura mhux il-kaz li t-Tribunal ibiddel din il-procedura.

Ghalhekk biex tkun kostanti mad-decizjonijiet precedentament minnha moghtija, t-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat fejn eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni biex jiehu konjuzzjoni ta' talbiet ta' appell u ritrattazzjoni u jordna s-smiegh tal-kawza dwar il-meritu ghal termini ta' l-artikolu 811 tal-Kap 12. Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------